MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2009

Avviz Numru. 488/2004

**Anthony Grima u Chris Grima**

**Vs**

**David Micallef ezercitanti l-kummerc taht l-isem ta' 'Sea Gold Europe'.**

## Il-Qorti:-

Rat li l-atturi pprezentaw avviz quddiem din il-Qorti nhar l-ghaxra (10) ta' Settembru 2004 fejn talbu lil Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallashom is-somma ta' LM4,247 rapprezentanti din is-somma valur ta' merkanzija diffetuza mixtrija minn l-atturi konsisenti fid-distruzzjoni ta' diversi prodotti tar-raba, kawza ta' kimika difettuza li ntuzat minn l-attur wara li giet mixrija minghand il-konvenut.

Bl-ispejjez u b'hekk il-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut pprezentata nhar l-hdax (11) ta' Novembru 2004 fejn ecepixxa s-segwenti:-

1. Illi 'n linea preliminari, l-eccipjenti jecepixxi li huwa ma biegh xejn lill-attur Chris Grima msemmi fl-avviz w ghalhekk m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika mieghu.
2. Illi 'n linea preliminari l-eccipjent jecepixxi li l-azzjoni hekk kif promossa mill-atturi, hija guridikament improponibbli, stante li filli l-atturi qieghdin jitolbu refuzjoni ta' prezz ta' merkanzija u filli qieghdin jitolbu danni w ghalhekk japplika l-principju '*electa una via non datum recursus ad alteram*' (**<u>Angelo Fenech vs Paul Grech</u>** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili per Imhallef J. R Micallef fl-erbgha w ghoxrin (24) ta' Settembru 2001).
3. Illi fil-mertu, l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-merkanzija mibjugha u kkonsenjata mill-eccipjent lill-Anthony Grima, kienet tal-kwalita pattwita, tant illi l-eccipjent ittestja tali prodott ma persuni specjalizzati u rinomati f'dan is-settur u dawna kkonkludew li tali prodott huwa wiehed ta' kwalita ottima u dana hekk kif se jirnexxielu jipprova l-istess eccipjent waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.
4. Illi fil-mertu l-eccipjenti m'huwa responsabbli ghall-ebda danni fil-konfront tal-atturi.
5. Illi fil-mertu u minghajr ebda pregudizzju ghall-eccezzjonijiet gja moghtija, fi kwalsiasi kaz l-atturi jridu jipprovaw d-danni li huma sofrew.
6. Illi fil-mertu u fl-aghar ipotesi l-pretensjoni attrici hija wahda eccessiva.
7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif premessi fil-ligi.

Ikkunsidrat:-

**Anthony Grima** l-attur xehed nhar it-tnejn (2) ta' Frar 2005, fejn spjega li huwa jahdem madwar sebghin tomna raba fl-inhawi tal-Mellieha.  Fis-sajf tas-sena 2003 kien mar ikellmu persuna li jismu Armando li jimporta xi sustanzi tajba ghar-raba u kien infurmah li kellu xi kimika organika li biha seta' jzid il-produzzjoni tieghu mir-raba bi tletin fil-mija (30%). Wara li kien spjegalu xi aspetti ta' din

il-kimika, li qal li kienet qed tigi impurtata minn Taljan, huwa ikkonvincih sabiex jaghmel prova fuq l-ghalqa tieghu li kellu bil-bettieh. Huwa ghalhekk ghamel din il-prova u ra li l-ghalqa li kellu bil-bettieh spiccat fix-xejn w ghalhekk kien informa lil dan Armando b'dak li kien gralu. Huwa mar jara x'kien gara u dan qallu li dak gara peress li ma kienx uza dik il-kimika mill-bidu nett w ghalhekk gie li ta' sustanza fuq fertilizzant li diga kien hemm fuq il-prodott u b'hekk gie kawzat hsara fil-wicc tar-raba. Huwa ghalhekk ikkonvinca ruhu li ghaz-zriegh tal-hjar u tal-bzar li ried jaghmel fis-serer huwa kien ser juza dan il-ferilizzant mill-bidu. Jghid li dan Armando kien qed ibiegh dan il-prodott ghan-nom tal-konvenut.

Huwa ghalhekk ghamel dak kollu li kien qallu biex jaghmel dan Armando, xtara l-ferilizzant organiku skond id-dokument esebit u mmarkat bhala Dok. AG 1 datat sbatax (17) ta' Lulju 2003. Huwa jghid ukoll illi hallas is-somma ta' LM1,105.92 ghal dan il-prodott oltre LM270 ghall-*pellets* ta' *soil conditioner.* Qal li ghal bidu ra li l-prodott kien qed jikber sew izda wara xi xahrejn innota li kien hemm xi sinjali ta' mard w ghalhekk rega' gab ir-rapprezenant tal-konvenut sabiex jara x'kien qed jigri, izda dan qallu li ma kellux ghalfejn jinkwieta ghaliex dak li kien qed jibza minnu, fil-fatt ma kienx qed jissucidi, ghalkemm wara ftit ta' zmien il-pjanti tal-hjar nixfu. Huwa esebixxa tlett ritratti li jindikaw l-istat tal-pjanti fil-bidu meta kienu qed jikbru, kif bdew jiddeterjoraw u kif fil-fatt spiccaw nixfu wara xaghrejn. Dawn ir-ritratti gew immarkati bhala Dok. AG 2. Meta ra hekk waqqaf il-prodott li kien xtara u rega' dar ghall-fertilizzant li kien juza qabel u dan sabiex ipoggih fuq il-bzar. Jghid li fil-fatt il-bzar salvah u kiber regolarment. Huwa jghid li sofra danni billi nixfulu l-hjar u b'hekk m'ghamel l-ebda bejgh tieghu.

**James Vella** xehed nhar is-sittax (16) ta' Marzu 2005 u stqarr illi huwa bidwi w ghandu bicca raba hdejn l-ghalqa ta' l-atturi. Spjega li jiftakar li darba minnhom kien qieghed fil-ghalqa tieghu u jaf li kien gie xi rapprezentant ta' xi kumpanija biex ibiegh xi prodotti ta' kimika lill-attur. Qal li anke sahansitra kien avvicina lilu pero kien iddecida li l-ewwel jara kif imur Grima, mbaghad skond ir-rizultat tieghu, jimxi hu. Huwa ghalhekk segwa l-progress tal-

prodotti ta’ Grima li jaf li minn sena ghal sena jkollhom prodott ahjar ghax jahdmu bis-serer. Huwa pero nnota li bl-uzu tal-prodott tal-konvenut, il-prodotti tieghu marru ghall-ghar. Jiftakar li d-dulliegh li kien barra mis-serer kien miet kif ukoll ra li l-hjar gewwa s-serer kien miet ukoll.

In kontr’ezami jghid li l-prodott li biegh il-konvenut kellu fih kemm il-bexx kif ukoll il-fertilizzant. Kif hadmu ta’ Grima jghid li jassumi li hadmu skond ma qalilhom ir-rapprezentant tal-konvenut, ghalkemm ma kienx ikun dejjem prezenti.

**Anthony Sammut** xehed nhar is-sittax (16) ta’ Marzu 2005 fejn stqarr li ilu jaf lil ahwa Grima ghal diversi snin. Ikkonferma li huwa jikkoltiva r-raba w ghandu ghalqa bis-serer. Qal li l-ghalqa tieghu ma hiex vicin dik tal-ahwa Grima, izda jghid li kien xtara prodotti kimici ghall-agrikoltura minghand il-kumpanija Sea Gold Europe. Jghid li din il-kumpanija kienet ikkonvincietu li l-prodotti taghha kienu ahjar minn prodotti ohra li kien hemm fuq is-suq w allura ddecieda li jixtri mill-prodott taghhom u effettivament kien xtara il-*fertilizer* Sea Gold minn taghhom kif ukoll il-bexx. Ir-rapprezentant ta’ din il-kumpanija kien mar l-ghalqa tieghu u wrieh kif kellu juza dawn il-prodotti u huwa hekk kien ghamel, kif kien gie spjegat lilu. Ghall-ewwel beda jinnota li l-prodott kien sejjer ghall-ahjar w imbaghad f’daqqa wahda, beda jara kollox imur ghall-aghar u kien ser imutlu kollox. Huwa ghalhekk, kien cempel lir-rapprezentanti tas-socjeta biex imorru jaraw x’qed jigrilu u qalulu li kienu sejrin jinvestigaw, izda ma marrux. Huwa jikkonferma li l-atturi kienu xtraw l-istess kimika u fertilizzant li kien xtara hu u kien jara kif kienu mixjin u fil-fatt sab li kien qed imutilhom kollox kif gara lilu.

In kontr’ezami jghid li r-rapprezentant tas-socjeta minghand min kien xtara il-kimika kien jismu Angelo Gambra. Illi nhar it-tmintax (18) ta’ Mejju 2005 huwa esebixxa bhala Dok. AS, l-*invoice* u l-ircevuta tal-materjal u tal-kimika li kien xtara minghand il-konvenut. Ikkonferma pero li ma kienx talab lis-socjeta konvenuta sabiex thallsu lura ghall-prodotti kimici u fertalizzant li kien xtara. Qal li

qatt ma kien kitbilhom dwar l-ilmenti tieghu kien icemplilhom biss. Ikkonferma li huwa bhala ammont ta' flus kien nefaq ghand il-konvenuti s-somma ta' LM106. Jghid li ma kien ghamel l-ebda kuntatt ma xi rapprezentant jew tekniku fid-Dipariment tal-Agrikoltura dwar dan il-kaz.

**Chris Grima** l-attur ukoll xehed fis-sittax (16) ta' Marzu 2005 u qal li huwa jahdem fir-raba li ghandhom il-Mellieha u jiftakar li darba minnhom kien mar ghandhom rapprezentant tas-socjeta konvenuta u qallu li kellu ghal bejgh *organic fertilizer* li jaghti prodott ahjar ta' tletin fil-mija. Jghid li huma ghandhom sebghin tomna taht koltivazzjoni agrikola. Huma ghalhekk xtraw il-prodott u bdew jaghmlu ezatt kif qalilhom ir-rapprezentant tal-kumpanija li kien imur ta' spiss jara kif kienu qed japplikaw il-kimika bl-intendiment li jara l-progress tal-prodott. Huwa baqa' jmur ghandhom sakemm il-prodott kien gej 'l quddiem, izda meta l-prodott m'ghamilx aktar progress, ma baqax imur. Ghall-ewwel ppruvaw il-prodott fuq id-dulliegh u wara fuq il-hjar. Jghid li l-prodott mar lura hafna u ttantaw jirrangaw kif setghu u dan billi waqfu l-applikazzjoni tal-prodott u bdew juzaw prodott iehor.

**Anthony Grima** l-attur xehed nhar it-tmintax (18) ta' Mejju 2005 u pprezenta l-*vouchers* tal-hlasijiet li rcieva minghand il-pitkalija bhala valur tal-prodott agrikolu li huwa jikkonsenja hemmhekk. Dawn il-*vouchers* jirreferu ghax-xhur minn Ottubru 2004 sa Jannar 2005 u dawn gew immarkati bhala Dok. 'Z'. Qal li n-numru tieghu tal-pitkalija huwa 175158 u dan jinsab ittimbrat fuq kull *voucher*. Dawn jindikaw li sa l-ahhar ta' Dicembru 2004 kien thallas bhala valur ta' prodott, tletin elf, disgha u erbghin lira u sebgha u ghoxrin centezmu (LM30,940.27) u sal-wiehed w ghoxrin (21) ta' Marzu 2005 thallas valur ta' prodott hames elef tmien mija u zewg liri (LM5,802) u dan qalu sabiex jiggustifika ghaliex kien qed jitlob l-ammont tad-danni 'n kwistjoni.

Illi fis-seduta tal-hamsa (5) t'April 2006 huwa pprezenta prospett dettaljat li gie mmarkat bhala Dok. 'X' li fih indika

d-danni li kien qed jippretendi fl-ammont ta’ erbat elef mitejn sebgha u erbghin lira Malin (LM4,247).

Illi nhar l-erbatax (14) ta’ Mejju 2007 l-konvenut ipprezenta l-affidavit ta’ **Angelo Giambra** (fol. 57). Ikkonferma li l-konvenut Anthony Grima kien xtara fertilizzant organiku minghand id-distributur tieghu lokali u cioe minghand il-konvenut David Micallef. Jghid ukoll li l-attur kien xtara xi oggetti ohra bhal *water treatment unit* izda kien habbtu biex hallsu taghhom, tant li mar iffitxu bil-ghan li jigbor dak dovut lilu u kien ra l-pjanti li kellhom Sea Gold qed jikbru. Qal li f’dik l-okkazzjoni l-attur ilmenta mieghu li d-dulliegh ma kienx qed jikber u huwa kien qallu li ma kien jaf xejn dwar it-tkabbir tad-dulliegh, w ghalhekk zgur li ma kienx hu li tah id-doza li kellha tintuza. Qal li pero nnota li d-dulliegh kien mizrugh fuq il-gebel u mhux fil-hamrija. Qal li huma jikkalkulaw l-valur tal-fertilizzant skond l-ammont li ser jintuza skond in-numru ta’ pjanti u mhux skond l-*area*. Jghid li fil-fehma tieghu l-attur uza aktar fertalizzant milli kien necessarju.

Ix-xhud ikompli jghid li wara certu zmien l-attur hallsu dak dovut lilu bhala bilanc mix-xiri tal-fertalizzant w ghall-bilanc tal-*water treatment unit* permezz ta’ cekk li ma ssarafx. Huwa jghid li ghalhekk huwa pprezenta kawza quddiem it-Tribunal tat-Talbiet iz-Zghar ghas-somma ta’ erbgha mitt lira maltin, pero meta il-kawza waslet fl-ahhar, l-attur talab is-soprasessjoni ta’ dik il-kawza sakemm tigi deciza din, u hekk fil-fatt kien gara.

Jghid li l-prodotti ta’ Seagold huma kollha *organic* w ghalhekk ma jistax ikun li jikkawzaw il-hsarat li qed ighid li sofra l-attur. Jghid li l-ghar li seta’ gara kien, li l-prodott ma jikbirx hafna, pero dan ma kienx il-kaz ghaliex kif qal l-attur stess il-prodott kien qed jikber hafna. Jghid li kieku kien veru li l-attur sofra danni, ma kienx jistenna s-snin sabiex jipprocedi kif fil-fatt ghamel.

**Joseph Farrugia** xehed nhar is-sittax (16) t’Ottubru 2007 u stqarr li huwa jokkupa l-kariga ta’ Segretarju tal-Ghaqda tal-Haddiema Progressivi. Mistoqsi jekk jafx dwar il-prodotti Seagold, ix-xhud wiegeb li jaf dwarhom u jaf ukoll

bl-uzu taghhom. Fil-fatt ighid li juzhom personalment fl-ghelieqi tieghu u jaf bdiewa ohra li sabuhom tajbin ukoll. Jghid li dawn il-prodotti huma ikel ghall-pjanti maghmula kollha mill-*algae*. Jghid li ma fihomx kimika, izda nutrijenti li huma bzonnjuzi ghall-pjanti.

Mistoqsi x'kienet l-esperjenza tieghu dwar l-uzu ta' dawn il-prodotti, jghid li kienet wahda tajba hafna u dan ghaliex meta beda juza dan il-prodott fuq il-qarabali u bdiet tersaq il-*white fly* fuqhom, din kienet titlaq mill-ewwel. Qal li kien jaf ukoll bidwi li uza dawn il-prodotti fuq it-tadam fis-serer u ma kellux mard fihom.

**Saviour Vella** ghalliem ta l-agrikoltura gewwa l-Istitut tal-MCAST xehed nhar il-hamsa w ghoxrin (25) ta' Novembru 2008 u stqarr illi huwa jaf dwar il-prodotti li jigu mibjugha mill-konvenut u cioe il-prodotti imsejha G. Gold Europe u dan ghaliex il-propretarju taghhom kien gie l-Istitut u kien ghamel *demonstration* dwarhom u sussegwentement kien xtara ftit prodotti minnhom u ppruvhom fuq tlett prodotti differenti in partikolari fuq il-hwawar, fuq id-dwieli u fuq il-wicc tad-dulliegh pero mhux kummercjalment. Qal li huwa uzhom fi stagun wiehed u tawh rizultat posittiv. Ikkonferma li ma uzahomx fuq il-prodott ta' hjar, bzar ahmar u bzar ahdar. Ikkonferma li l-prodott li uza kien *seaweed* u l-iehor kien *seaweed extract*.

Rat is-sentenza taghha moghtija fl-ismijiet premessi nhar is-sbatax (17) ta' Frar 2009 fejn kienet cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u laqghet it-tieni eccezzjoni tieghu tant li ddikjarat null l-Att ta l-Avvviz u konsegwentement kienet cahdet it-talbiet attrici kontra l-istess attrici.

Rat is-sentenza moghtija fl-ismijiet premessi mill-Qorti tal-Appell nhar it-tnax (12) ta' Gunju 2009 fejn dik il-Qorti kienet irrevokat is-sentenza moghtija minn din l-istess Qorti fuq imsemmija u fejn irrimandat l-atti quddiemha sabiex tinghata sentenza finali fuq l-eccezzjonijiet l-ohra.

Ikkunsidrat:-

Illi f'din il-kawza l-atturi qed isostnu li huma xtraw prodotti kemikali minghand il-konvenut ghall-applikazzjonijiet tieghu bhala fertilizzant organiku ghall-kultivazzjoni tar-raba u konsegwnetment qed jitolbu lil Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuhom is-somma ta' LM4,247 bhala danni, rapprezentanti din is-somma valur ta' merkanzija difettuza mixtrija minghand il-konvenuti.

**L-artikolu 1378 tal-Kodici Civili**, jistipula li l-bejjiegh ghandu fuq kollox zewg obbligi, jigifieri, li jikkunsinna, u li jiggarantixxi l-haga mibjugha.

Da parti tieghu, x-xerrej ghandu d-dritt li jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni, jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' Periti (Art. 1390 tal-Kodici Civili).

Inghad ukoll li tali rimedju huwa moghti lix-xerrej fil-mument tal-konsenja tal-oggett mibjugh u huwa abbinat mas-sitwazzjoni fejn jirrizulta li l-oggett hu differenti minn dak appattwit '*avente per base la cosa pattuita nel consenso del compratore*' (**Grima vs Von Kohen** – Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Frar, 1884);

Gie osservat ukoll, mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, fil-kawza fl-ismijiet **Piscopo vs Filletti et** deciza fis-sittax (16) ta' Gunju, 2003 illi:-

"*Ghandu jigi osservat illi tezisti diskordanza fil-gurisprudenza taghna in subjecta materia. Dan ghaliex filwaqt li xi decizjonijiet isostnu li azzjoni ghar-rizoluzzjoni ta' bejgh mhux tal-kwalita pattwita hi ammessa tant jekk ix-xerrej ikun gja rceva l-konsenja kemm jekk le (Vol. XII/1; Vol. XXVI/i/193; Vol. XXXII/i.163; Vol. XXXIX/i/250, fost bosta ohrajn), ohrajn isostnu illi tali azzjoni ghar-rizoluzzjoni per inadempjenza ma tistax tigi sperimentata wara l-konsenja (Vol. XX/i/273; Vol. XXI/i/399 u Vol. XLIX/ii/955)*".

Ziedet tghid l-istess Qorti ta' l-Appell fis-sentenza **Piscopo vs Filletti et**, sup.cit., illi:-

"*Fil-kawza fl-ismijiet* ***Diacono vs Galea*** *riportata a Vol. XVIII/iii/59 il-Qorti tal-Kummerc kienet hemm spjegat l-elementi tal-azzjoni taht l-artikolu tal-ligi kontemplat billi rriteniet illi dawn huma: (i) il-premessa esplicita ta' xi kwalita li l-kompratur kellu specjalment in mira; u (ii) li l-kompratur ikun ghad ma rceviex il-haga*". Jekk huwa rcieva l-haga minghajr ebda protest, tinsorgi l-presunzjoni li hu sodisfatt.

Inghad ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Pace Asciaq vs Camilleri** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili per Onorevoli Imhallef Philip Sciberras fit-tmienja w ghoxrin (28) ta' Jannar, 2004 illi:-

"*Minn dak rinvenut fil-Kodici Civili, jirrizulta li r-rimedji miftuha lix-xerrej f' kaz ta' vendita huma essenzjalment dawk dettati mill-Artikoli 1390 u 1427. Rimedji li fil-kaz ta' l-ewwel artikolu bazat fuq in-nuqqas tal-kwalita` mweghda, jakkorda lix-xerrej, fil-mument tal-konsenja tal-oggett mibjugh, li jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob ukoll id-danni jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' perit. Fil-kaz tat-tieni, bazat fuq il-garanzija ghad-difetti li ma jidhrux, il-ligi wkoll tassenjalu d-dritt tal-ghazla wara r-ricezzjoni tal-oggett, jigifieri jew li jirrecedi mill-bejgh bl-azzjoni redibitorja jew li jzomm il-haga u jitlob lura dik il-bicca mill-prezz li tigi stabbilita mill-Qorti u li tirrapprezenta l-valur tad-difett riskontrat, bl-azzjoni proprjament imsejha estimatorja*";

Issa f'dan il-kaz l-attur zamm il-prodott li kien xtara ghaliex effettivament induna li ma kienitx skond id-destinazzjoni tieghu wara li ghamel uzu minnu u ra li l-prodott ma kibirx kien kien mahsub. In fatti jghid li huwa uza il-prodott ta' fertilizzant, li kien xtara fuq il-prodott li kellu mizrugh bl-isperanza li l-prodott tieghu jikber aktar kif kien intiz li jghamel il-fertilizzant izda irrizulta li allegatament il-prodott li kellu kien miet bhala rizultant ta' tali uzu.

Illi l-attur ghandu jipprova li kien dan il-prodott li qatillu x-xtieli tieghu u li mietu minhabba l-uzu esklussiv ta' dan il-fertilzzant.

Minn naha l-ohra l-konvenut ghandu jipprova biss li huwa biegh konsenja ta’ fertilizzant tajjeb.

B’dispjacir il-Qorti tinnota li f’din il-kawza ma kien hemm l-ebda espert tekniku nominat sabiex jikkonferma verament li l-hxejjex mietu bhala rizultat ta din il-fertilizzant. L-attur lanqas m’esebixxa xi ritratti biex jikkonferma dan id-disastru li jghid li kellu. Li jirrizulta hu, li mhux kontestat, l-fatt li l-konvenut biegh il-prodott ta’ fertilizzanti lill-attur fis-sbatax (17) ta Lulju 2003, kif jidher fl-*invoice* esebita mill-attur bhala Dok AG 1 a fol. 16 tal-atti.

Jirrizulta wkoll li l-attur ma hallasx ghal din l-ordni w ghalhekk, sena u xaghrejn wara, fetah din il-kawza sabiex jigi kkumpensat tad-danni li allegatament sofra.

Jinghad pero li l-attur kien fetah kawza fis-*Small Claims Tribunal* sabiex jithallas tal-konsenja pero din kellha tieqaf sakemm ikun hemm ezitu fuq il-materja odjerna. L-attur ma kien pprezenta l-ebda talba qabel ma giet intavolata l-kawza mill-konvenut ghal hlas u lanqas ma kien ghamel xi haga sabiex jikkawtela l-pretensjoni li allegatament hass li kellu.

L-attur xehed u spjega kif kien xtara dan il-fertilizzant bl-intendiment li jzid il-produzzjoni ta’ hxejjex li kellu fl-ghalqa konsistenti f’sebghin tomna kif kien effettivament qallu, r-rapprezentant tal-konvenut, certu Armando. Ikkonferma bil-gurmament tieghu li huwa uza dan il-prodott skond l-istruzzjonijiet moghtija lilu minn dan Armando, izda dan nonostante, r-rizultat ma kienx dak mixtieq jew ahjar mistenni.

Jghid li meta nnota li kellu l-mard fil-hxejjex li kellu mizrugh, u cioe fil-hjar u bzar ahdar, huwa kien baghat ghar-rapprezentant tal-konvenut biex ighidlu x’kien qed jaghmel hazin u dan kien qallu biex ma jinkwetax. Huwa xorta nkwieta meta ra li diversi prodotti tieghu kienu mietu w ghalhekk rega’ biddel il-prodott w uza fertilizzant iehor, dak li kien juza qabel u salva l-bzar. Il-hjar pero kien lahaq miet.

Minhabba dan kollu, jghid li huwa sofra danni konsistenti f'nuqqas ta' prodott li huwa ha l-pitaklija bhala rizultat ta' dan l-uzu u dan skond id-dokumentazzjoni esebita minnu a fol. 28 et seq. Il-prospett finali tieghu jinsab esebit a fol. 49 tal-atti mmarkat bhala Dok. 'X'.

L-attur ressaq ukoll lil certu Anthony Sammut jixhed u jghid li huwa kien ghamel uzu ukoll minn dan il-prodott u dan wara li kien xtara bil-prezz ta' mija u sitt liri maltin (Dok. A 5 fol. 42) pero ma kienx kuntent bih. Jispjega u jghid li huwa ghandu sitt serer u kien uzah biss f'serra wahda u r-rizultat kien wiehed disastruz. Jghid li huwa pero m'ghamel l-ebda rapport mal-attur u lanqas ma kkonsulta ma tekniku tad-Dipartiment tal-Agrikoltura.

Il-konvenut ressaq lil Angelo Giambra jixhed u dan ikkonferma li huwa kien mar ikellem l-attur dwar il-prodott li kien xtara u l-attur kien qallu li ma kienx kuntent bir-rizultat. Jghid li effettivament l-attur kien spjegalu li kien uza l-prodott fuq id-dulliegh u huwa kien qallu li ma kellux esperjenza f'dan ir-rigward. Ghalkemm jghid li meta mar, kien ra gewwa is-serrer il-hjar u l-bzar jikbru b'mod tajjeb u dan wara li l-konvenut kien ghamel uzu mill-fertilizzant li kien xtara minghand l-konvenut.

Dwar id-dulliegh li kien ra mizrugh ghand l-attur, jghid li dawn kienu mizrugha fuq il-gebel u mhux fil-hamrija. Jghid li dakinhar l-attur ilmenta mieghu li l-prodott kien gholi w ghalhekk huwa fehem li ma riedx ihallas. Dan nonostante jghid x-xhud li l-attur konvenut kien hareg zewg cekkijiet sabiex ihallas id-debitu tieghu pero dawn ma gewx onorati. Dwar din il-prova l-attur ma jghid xejn sabiex jikkontradici din ix-xhieda.

L-attur ressaq lil Joseph Farrugia, is-Segretarju tal-Ghaqda Haddiema Progressivi u dan ikkonferma li l-prodott li biegh l-konvenut hija ikel ghall-pjanti ma fihx kimika u mimlija nutrijenti. Ikkonferma li huwa kellu esperjenza tajba bl-uzu ta' dan il-prodott tant li l-prodott tieghu ma giex attakkat mill-*white fly*.

Il-konvenut ressaq lil Saviour Vella, ghalliem fl-agrikoltura fl-MCAST jixhed u dan ikkonferma li kien sema bil-prodott li kien biegh l-attur u li sa fejn jiftakar li hu kellu rizultat positiv bl-uzu tieghu. Qal li huwa wzah fuq livell ta' dilettant u mhux kummercjali u mhux fuq l-istess prodotti wzati mill-konvenut, ghaliex m'uzahx fuq il-hjar u bzar ahmar u ahdar.

Illi ghalhekk l-konvenut irnexxielu jipprova ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti, li l-prodott li biegh lill-attur, kien fertilizzant tajjeb bin-nutrijenti necessarji ghal tkabbir ta' pjanti.

L-attur minn naha l-ohra, m'irnexxielux jipprova li dan il-prodott kien differenti minn dak mahsub ghalih u li d-danni li huwa sofra, kienu attribwibbli lill-prodott tal-konvenut. Ghalhekk it-tielet eccezzjoni ma tistax tirrizulta.

Illi ghalhekk ir-raba eccezjoni li isegwi t-tielet, hija konsegwenzjali, ghar-ragunament milqugh mill-Qorti u thoss li f'dawn ic-cirkostanzi verament l-konvenut mhux responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur.

**Illi stante li din il-Qorti qed takkolji l-eccezzjoni li l-konvenut mhux responsabbli ghad-danni li allegatament sofra l-attur tiddikjara li ma hemmx danni x'tillikwida.**

**Ghalhekk il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel zewg eccezzjonijiet, peress li dawn gia gew decizi mill-Qorti tal-Appell, qieghda tilqa l-eccezzjoni tal-konvenut li l-prodott mibjugh minnu lill-attur, kien skond il-kwalita pattwita u konsegwentement mhuwiex responsabbli ghad-danni li allegatament sofra l-istess attur.**

**Tiddikjara ghalhekk, li qed tichad it-talba attrici.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------